

32004R0597

L 94/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.3.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 597/2004**tat-30 ta' Marzu 2004****li jagħti deroga minn u jemenda ir-Regolament (KE) Nru 174/1999 dwar il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib esportat lejn ir-Repubblika Domenikana**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 30(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 20° tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 tas-26 ta' Jannar 1999 jstabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 f'dak li jirrigwardja l-liċenzi ta' l-esportazzjoni u r-rifużjoni fuq l-esportazzjoni fil-każ tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ⁽²⁾ jstabbilixxi r-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwota tat-trab tal-ħalib għall-esportazzjoni lejn ir-Repubblika Domenikana permezz tal-Memorandum ta' Rikonoxximent bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Domenikana, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/486/KE ⁽³⁾.
- (2) Sabiex l-operaturi tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Liwanja, ta' l-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tal-Islovenja u ta' l-Islovakka ikunu jistgħu japplikaw għal-liċenzi ta' l-esportazzjoni lejn ir-Repubblika Domenikana għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2005, il-perijodu ta' l-applikazzjoni għandu jkun ipposponut.
- (3) Sabiex tkun assigurata verifika aktar eżatta tal-prodotti esportati u sabiex ikun imnaqqas ir-riskju tal-ispekolazzjoni, il-liċenzi ta' l-esportazzjoni maħruġa b'konformità ma l-Artikolu 21°(12) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 għandhom ikunu validi biss għall-kodiċi tal-prodott li għalih ikunu ġew maħruġa. Għalhekk l-eċċezzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fl-

Artikolu 5(2) u (3) m'għandhomx ikunu aktar applikabbli għal-liċenzi maħruġa sa mis-sena segwenti ta' kwota.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 174/1999 għandu għalhekk jiġi emendat kif mistħoqq,
- (5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Bħala deroga mill-Artikolu 20°(7) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999, għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2005, l-applikazzjonijiet għal-liċenzi għandhom ikunu ippreżentati mill-10 sal-15 ta' Mejju 2004.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 20a tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 il-paragrafu 17 huwa mibdul b'dan li ġej:

"17. Il-Kapitolu 1 għandu jkun applikabbli, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 5(2) u (3) u l-Artikoli 6, 9 u 10."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

B'dana kollu, l-Artikolu 2 għandu jkun applikabbli biss għal-liċenzi ta' l-esportazzjoni maħruġa mill-1 ta' Ġunju 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 186/2004 (ĠU L 29, tat-3.2.2004, p. 6).

⁽²⁾ ĠU L 20, tas-27.1.1999, p. 8. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1948/2003 (ĠU L 287, tal-5.11.2003, p. 13).

⁽³⁾ ĠU L 218, tas-6.8.1998, p. 45.